KUNSILL LOKALI – TA' SANNAT – LOCAL COUNCIL

*Labor Ante Omnia*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# GĦAXAR LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 06

21 ta' Novembru, 2024

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.18pm

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Frances Galea – Kunsilliera
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Franco Bajada - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marie Josette Vella Magro – Segretarja Eżekuttiva

# Aġenda Nru. 06

1.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji
1.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti Nru. 05
1.3 Komunikazzjoni mis-Sindku
1.4 Komunikazzjoni mis-Segretarja Eżekuttiva
1.5 Ilmenti u suġġerimenti
1.6 Approvazzjoni tal-pagamenti
1.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 1.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

1.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 1.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 05

1.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.05 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarja Eżekuttiva.

## 1.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

1.3.1 Is-sindku beda l-aġġornament tiegħu billi qal, li l-kuntrattur jista' jkompli x-xogħlijiet fi Triq Paranji. L-awtorita' ta' l-ippjanar ikkonfermaw li t-triq taqleb fuq iż-żewġ naħħiet. Ser jsir it-tarmak, inkluża dik il-parti mħarbta,peress li minn naħa tat-'trenching office' għad hemm xi affarijiet pendenti, imma skond is-sindku mhux suppost idumu. Il-ħsieb huwa li jibdew ix-xogħlijiet mil-ġimgħa d-dieħla.

1.3.2 Rigward is-siġar ta' Pjazza Margerita, dawn inbiddlu skond kif kien miftiehem mal-kuntrattur 'Xerri Landscaping' biex ikunu konformi mat-tenders maħruġa.

1.3.3 Kif kien imsemmi f'laqgħat preċedenti, ġie ppreparat 'traffic management' mill-perit is-Sur Edward Scerri flimkien mas-sindku Vella. Is-sindku ta spjegazzjoni lill-kunsilliera rigward il-rotta l-ġdida tat-trasport pubbliku. Wara li ngħataw kjarifiċi mis-sindku, l-kunsilliera qablu ma' dawn il-proposti mħejjija. Is-sindku kompla billi qal, li se jibgħat dawn il-pjanijiet mħejjija lill-membri tal-kunsill biex jerġew jirreveduha tajjeb biex hekk dan it-traffic management ikun approvat.

1.3.4 13.25pm il-Kunsilliera Frances Galea ħarġet mill-laqgħa biex twieġeb telefonata.

1.3.5 13.25pm il-kunsilliera Frances Galea terġa tidħol għal-laqgħa.

1.3.6 Is-sindku wera x-xewqa li wara li dan it-traffic management propost jiġi approvat mill-kunsilliera kollha tal-kunsill, ikun hemm konsultazzjoni pubblika. Wara li jsir din id-diskussjoni, eventwalment jintbagħat lit-Transport Malta għal-approvazzjoni tagħhom.

1.3.7 Is-sindku kompla billi qal, li se jiċċekja ma' l-awtorita ta' l-artijiet, rigward biċċa art fil-limiti tat-Triq it-Tempju ta' l-Imramma li tidher li m'hi ta' ħadd. F'din l-eventwalita', se jiġi propost li jsir 'open space' biex ikun jista jitgawda mir-residenti Sannatin.

1.3.8 Marbuta mat-tiżjin tal-Milied, is-sindku ssuġġerixxa li biex jiġu ffrankati l-ispejjeż relatati, talab lil-għaqda ta' l-armar biex tagħmel xi xogħlijiet marbuta mat-tiżjin fi pjazza Santa Margerita. Is-segretarja eżekuttiva saħqet, li l-għaqda ta' l-armar għandha tibgħat kwotazzjoni bil-miktub tax-xogħlijiet.

1.3.9 2.31pm Il-kunsillera Maria Cassar Sultana ħarġet mil-laqgħa biex twieġeb telefonata.

1.3.10 2.33pm il-kunsilliera Maria Cassar Sultana terġa tidħol għal-laqgħa.

1.3.11 Fi żmien ir-Randan ser jerġa jsir id-dramm marbut ma' dan iż-żminijet f'inħawi ta' Gruwa u l-applikazzjoni għal-fondi marbuta se jsiru fi żmien propizju, wara li jsir deċiżjoni liema script ser jintuża u jsir eżerċizzju biex isiru stima ta' fondi meħtieġa.

1.3.12 Marbut ma' żmien il-Għid, is-sindku qal li s-soltu l-kunsill jorganizza 'Easter Market'. Il-kunsilliera Cassar Sultana ppproponiet li jsiru events differenti, fejn skond is-sindku dawn is-soltu ma jsirux. Pero' huma proposti nteressanti li ser jerġghu jiġu diskussi flimkien mal-kunsilliera Cassar Sultana f'aktar dettal. Naturalment ukoll, irid ikun hemm l-istimi finanzjarji marbuta ma' dawn l-attivitajiet. Dawn imbagħad jiġu diskussi fuq il-mejda waqt il-laqgħa tal-kunsill fil-laqgħa suċċessiva.

1.3.13 Rigward l-event f'Malta ta' 14 ta Diċembru, b'referenza għal-ċirkulari AKL 2024/066, is-sindku Vella flimkien mal-kunsilliera Cassar Sultana, Franco Bajada u l-viċi Sindku Philip Cassar ikkonfermaw li ser jattendu. Is-segretarja eżekuttiva fakkrithom li kellha jsir RSVP minn naħa tagħhom.

1.3.14 IL-Christmas Gathering li jsir kull sena, li jinkludi l-kunsilliera kollha flimkien mal-ħaddiema kollha tal-kunsill, għandha isir appena tibda s-sena l-ġdida 2025. Ġie ssuġġeriet li din isir fil-post li saret is-sena l-oħra, li issa qiegħed taħt management ġdid.

1.3.15 Mistoqsijiet mill-kunsillieri

1.3.16 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

## 1.4 Komunikazzjoni mis-segretarja eżekuttiva

1.4.1 Is-segretarja eżekuttiva bdiet il-komunikazzjoni tagħha billi talbet l-approvazzjoni mill-kunsill li l-assistent principal u s-segretarja eżekuttiva nnifisha s-Sa.Marie Josette Vella Magro biex ir-rimanenzi tal-'Vacation Leave' 2024 jiġu trasferiti għas-sena 2025. Il-kunsill qabel unanimament biex dawn it-talbiet jiġu approvati.

1.4.2 Marbuta ma l-attivita' tal-World Children's Day 2024, is-segretarja eżekuttiva kkonfermat li daħal ammont sabiħ u ntalbet l-approvazzjoni tal-kunsilliera biex issir donazzjoni diretta mal-President ta' Malta għal fond MCCF bid-donazzjonijiet miġbura mill-2023 u 2024. Is-sindku talab, li jsir appuntament mal-President għal Diċembru, biex flimkien ma' xi persuni mir-raħal ta' Sannat, is-sindku jippreżenta d-donazzjonijiet miġbura.

1.4.3 Is-segretarja eżekuttiva fakkret lill-kunsill, li saret l-applikazzjoni għal fondi tal-karnival 2025 skond l-iskeda SPI/SCI/08/2024 espressjoni ta' interess finanzjarjament Karnival 2024. Il-kunsill qabel ma' din l-applikazzjoni u l-affarijiet relatati magħha. Il-kunsilliera Maria Cassar Sultana saqsiet il-ħin propost u s-sindku wieġeb li ser isir it-Tnejn 3 ta' Marzu 2025 fl-4.00 ta' wara nofsinhar.

1.4.4 Is-segretarja eżekuttiva talbet lid-Dipartiment tad-DPF għal-ammont rimanenti sa' din id-data assoċjat mal-kunsill ta' Sannat. L-ammont ġie konfermat sal-bidu ta' Lulju 2024 u l-kunsilliera kollha raw l-ammont fuq id-dokument.

1.4.5 Is-segretarja eżekuttiva nfurmat lill-kunsill bid-dokumenti u ritratti li waslulha mingħand il-'monitoring department tal-Local Goverment' li saret inspection f'ta' Sannat bejn l-erbgħa(4) u tmienja (8) ta' Novembru, li kienet tinkludi diversi noti u ritratti ta' dgħajjes imħollija barra fit-toroq. Id-dipartiment ġibed l-attenzjoni li dan huwa llegali u ma jistewx jitħallew barra fit-toroq fost affarijiet oħra. Apparti minn dgħajjes, dan ir-rappport jitkellem ukoll fuq bankijiet imkissra u li għandhom bżonn manutenzjoni u li hemm minnhom ikollhom skart mormi fuqhom. Rigward it-Triq 28 ta' April, hemm proġett propost u marbuta mat-tabelli fir-rapport hemm diġa ordnati. Is-segretarja diġa nfurmat lill-kunsill li bagħtet update lill-monitoring department u ser titlob update lill-pulizija tal-komunita'. Is-sindku qal li diversi minn dawn il-kwistjonijiet jaqgħu taħt il-'Community Police' u lis-sidien tad-dgħajjes irid ikellimhom mod dirett il-pulizija tal-komunita'. Is-sindku għamel osservazzjoni li jista' jkun li s-sidien tad-dgħajjes mgħandhomx fejn jiġbru dawn il-bċejjeċ tal-baħar meta ma jkunux fil-baħar, pero' ir-rapport huwa car li dan l-agir huwa illegali.

1.4.6 Il-kumpanija 'Xerri's Landscaping' li kellu t-tender relatat mas-siġar tal-pjazza bagħat il-kwotazzjoni tat-transplanting tas-siġar tal-pjazza u li se jmorru fid-daħla taċ-Ċnus. Il-kunsill ra l-kwotazzjoni u din ġiet approvata. Intalbet kwotazzjoni approsimattiva lill-botanista Stephen Mifsud ghax xoghol li fadal isir; hu kien diġa tħallas preċedentement ma' xogħol ieħor in konnessjoni mas-siġar tal-pjazza. Dan il-botanista bilfors irridu nuzawh peress li huwa relatat mal-permessi maħruġa għal-pjazza Santa Margerita.

1.4.7 Saret referenza għal-inviti u ċirkularijiet li nercievu bhala Kunsill u li dawn diġa ġew mibgħuta mis-segretarja eżekuttiva lill-kunsilliera.

1.4.8 Is-segretarja eżekuttiva fakkret lill-kunsilliera li ġiet miftuħa l-kaxxa bit-tieni lott tas-CCTV tender.

1.4.9 Il-kunsill ma approvax li jsir attivita fir-raħal ta' Sannat f'jum San Valentinu.

1.4.10 Is-sindku ġie mistoqsi fuq invoices li rċieva l-kunsill rigward xogħlijiet antiki. Is-sindku ikkonferma li dawn ġew iċċekkjati u probabli kienu bi żball.

1.4.11 Is-segretarja eżekuttiva saqsiet lis-sindku rigward il-kumpanjija tal-filming li kient bagħtet emejl f'Ottubru, jekk kienux reġew kellmuh. Is-sindku wieġeb fin-negattiv.

1.4.12 Is-segretarja eżekuttiva saqsiet lis-sindku bl-ittra ta' l-avukat għan-nom tar-restorant 'D Eman' fi Pjazza Santa Margerita. Is-sindku wieġeb, li din ġiet risolta bejn il-kuntrattur u sid dan l-istabilliment.

1.4.13 Rigward l-emejl li rċieva l-kunsill fuq il-'Family Law Reform October 2024', il-kunsilliera kkonfermaw li rawha.

1.4.14 Marbuta ma' l-assigurazzjoni fuq street decorations, il-kunsill rċieva li jistew isiru. Pero', is-sindku kkonferma li dawn qatt ma ġew inxurjati fi snin preċedenti.

1.4.15 Id-DLG nfurmaw biex il-kunsill ma jiddosponi minn l-ebda dokument fl-arkivji tal-kunsill, għax dawn se jiġu arkivjat fl-arkivji Nazzjonali.

1.4.16 Il-presepju li kien ingħata mill-Ministeru għal Għawdex irid jitqiegħed postu u mixgħul sat-30 ta' Novembru.

1.4.17 Billi ser tiġi diskussa kwistjoni li ser tinvolvi familjari tal-kunsilliera Cassar Sultana, ntalbet tiddikjara kunflitt ta' interess, kif fil-fatt għamlet, u konsegwentement ħarġet mill-kamra. Is-segretarja eżekuttiva nfurmat lill-erbgħa kunsilliera li ħadet parir legali fuq il-kwistjoni li hemm fuq talbiet ta' persuni li joqogħdu fi Triq il-Kbira, fosthom il-familjari tal-kunsilliera Cassar Sultana. Abbażi ta' parir legali mghand l-avukat Dr. Larry Formosa, qed tigi ddikkjarata nulla u vojda kwalunkwe deċiżjoni u diskussjoni rigward din il-materja, f'diversi laqgħat preċedenti, bħal li kieku qatt ma sar xejn. Reġgħet ġiet diskussa l-kwistjoni taż-żewġ talbiet u l-kunsill ddeċieda li jikteb lit-Transport Malta b'din il-kwistjoni għad-deċizjoni aħħarija tagħhom, għax fuq kollox din hija deċiżjoni li taqa' taħt il-merti ta' Transport Malta. Il-kunsilliera Cassar Sultana reġgħet daħlet għal-laqgħa u ġiet infurmata b'din id-deċizjoni.

1.4.18 Kif kien issuġġerit f'laqgħat preċedenti, inġabret statistika fuq il-popolazzjoni ta' Sannat, toroq ġodda u bini ġdid, li ser tiġġustifika rikjesta minn naħa tal-kunsill Ta' Sannat lid-DLG biex tiżdied l-allokazzjoni finanzjarja. Is-sindku qal li qed jipprepara rapport.

1.4.19 Ir-reġjun t'Għawdex informa lill-kunsill fuq l-inizjattiva Milied solidari u l-ħaddiema tal-kunsill qegħdin jiġbru l-ismijiet biex jgħadduhom lir-reġjun.

1.4.20 Il-kwotazzjonijiet tad-dekorazzjonijiet tal-Milied rawhom il-kunsillieri. Ġie deċiż li ser imexxu ma' l-uniku proponent li ta kwotazzjoni, anki għal-fatt li kien hemm min kien interessat li ta kwotazzjonijiet ferm għola u ried bilfors jagħmel kollox hu.

1.4.21 Id-direttur ġenerali tad-DLG informa lis-segretarji kollha li huwa biss il-kummissarju tal-pulizija u l-awtorita tat-transport Malta li tista' tohrog avviżi fil-gazzetti tal-gvern rigward sospensjoni ta' traffiku u parkeġġ u rmunkar tal-vetturi.

1.4.22

1.4.23 Saret r-ratifika ta' donazzjoni ta' mija u ħamsin ewro (€150) li l-isqof t'Għawdex ingħata fit-tlettax (13) ta' Novembru waqt il-vista pastorali f'Sannat. L-isqof wera x-xewqa li c-cheque tad-donazzjoni jingħata għal-parroċċa ta' Sannat.

1.4.24 Ġiet approvata is-somma ta' ħames mitt ewro (€500) biss fil-każ ta' donazzjoni mitluba għar-reception ta' wara l-kunċert tal-Milied tal-banda Santa Margereta.

1.4.25 Ġew approvati is-somma ta' mitt ewro (€100) wara talba tal-Legion of Mary għar-refreshment ta' wara l-kunċert tal-Milied li se jsir din is-sena fir-raħal ta' Sannat fil-11 ta' Diċembru.

1.4.26 Il-kunsill ġie mitlub sabiex jingħata spazju fl-attivitajiet tal-Milied fis-sebgħa (7) u fit-tmienja (8) ta' Diċembru għal Fund raising tal-ALS liema talba ġiet approvata.

## 1.5 Lmenti u suġġerimenti

1.5.1 Daħal ilment marbut mat-Triq Marsilja biex waħda mil-pots titneħħa jew titpoġġa x'imkien ieħor.

1.5.2 Il-kunsilliera Frances Galea saħqet li għandu jitħallas il-kont marbut mal-purtieri tas-sala tal-każin tal-banda minnufih, mingħajr ma nistennew għal-approvazzjoni ta' aktar fondi tal-GAGF. Is-segretarja eżekuttiva rrimarkat li hemm possibilta li l-awtorita' konċernata ma' tapprovax il-pagamenti kollha rikjesti marbuta ma' dan il-proġett tas-sala tal-każin tal-banda. F'din l-eventwalita' l-kunsill ser imur minn taħt finanzjarjament. Il-kunsilliera huma konxji minn dan il-fatt, pero' xorta jridu li jsir il-ħlas imsemmi.

1.5.3 Ġie ssuġġerit li ssir żabra u tindifa tas-siġar fi Triq il-Kbira, Triq Marsilja u s-siġra l-kbira ta' Triq Marsilja. Is-segretarja eżekuttiva ser tiċċekja mal-ERA rigward permessi neċessarji u jimxu minn hemm.

1.5.4 Rigward l-ilment tal-bankina fi Triq Dun Xand Aquilina, kantuniera mal-ħanut tal-laħam, rigward qsari fuq il-bankina kollha, fejn qed ikun ta' inkonvenjent għal-pubbliku biex ikunu jistew jgħaddu minn fuq il-bankina. Il-kunsill ser ikellem lill-pulizija tal-kommunita biex jieħu passi neċessarji biex dawn jitneħħew biex ma jkunux ta' inkonvenjent.

1.5.5 Marbuta ma ilmenti ta' nar fl-għelieqi, il-kunsill nforma lill-pulizija b'dawn ir-rapporti.

1.5.6 Kien hemm talba biex isir double yellow line quddiem garaxx ta' residenza, din it-talba ntbagħtet permezz tas-sistema tal-ministeru għal Għawdex.

1.5.7 Rigward talba għal żebgħa friska u biex isir zebra crossing quddiem il-każini ta’ Sannat, din it-talba ġiet approvata u dawn ser isiru dalwaqt.

1.5.8 Is-sindku qal li rigward it-toqba fonda li hemm fi Triq il-Kbira qrib Dar Gioiosa, ser jerġa jkellem lil min għamilha biex titgħatta.

1.5.9 Saret talba biex issir mera faċċata tad-dħul ġo għalqa fi Triq Xewkija, liema talba ġiet approvata.

1.5.10 Talba biex isir bozza fi Triq Xamgħan ġiet milquha wkoll.

1.5.11 Rigward il-ħmieġ u skart fi Triq Palazzo Palina, ġew infurmati WSC u Enemalta. Dan għal-fatt li l-proġett hu tagħhom u dawn kellmu lill-kuntrattur diversi drabi.

1.5.12 Marbuta mal-permessi ta’ krejnjiet, is-segretarja eżekuttiva qed tirrispondi lil min ilmenta rigward il-proċedura li hawn fil-kunsill.

1.5.13 Il-kunsill irċieva lment rigward pajpijiet fi Triq Xamghan, imma dawn intużaw dak inhar stess mill-kuntrattur li qed jaħdem fiż-żona.

1.5.14 Persuna lmenta diversi drabi rigward ostakli ghall-aċċess ta’ l-ilma tax-xita għal ġo l-għalqa tiegħu, liema aċċess allegatament ingħalaq wara xogħlijiet tal-kunsill. Din il-persuna talbet, li dan l-aċċess jerġa jinfetaħ u s-sindku se jintaqa’ personalment ma’ dan l-individwu biex imbagħad jaġġorna lill-kunsillieri.

1.5.15 Ġie rrapurtat arblu tad-dawl fi Triq Paranji lill-korporazzjoni Enemalta sabiex jiccaqlaq. Dan l-arblu kien diġa rrapurtat minn terzi persuni lil istess kumpanija

1.5.16 Resident ilmenta fuq żjut li ħarġu minn vetturi kbar kummerċjali u li kienu pparkjati quddiem id-dar tiegħu fit- Triq it-Tin. Fuq dan l-ilment, sar rapport lil pulizija tal-kommunita’.

1.5.17 Il-kunsilliera Cassar Sultana reġgħet semmiet is-sessjonijiet tal-Pilates, bis-sindku joġġezzjona għal-prezzjiet mitluba ghax huma pjuttost għoljin.

1.5.18 Kien hemm talba biex isir bin tal-ħmieġ tal-klieb fi Triq it-Tempju ta’ L-Imramma, liema talba ġiet approvata

## 1.7

## Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 12 /2024

1.7.1

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta’ pagamenti Nru. 12 /2024 li ntbgħatet permezz ta’ imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-kunsilliera Frances Galea. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-kunsilliera Galea u ssekondata mill-Kunsillier Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta’ din il-laqgħa.

1.7.2

3.20pm il-kunsilliera Cassar Sultana ħarġet mil-laqgħa għax kellha appuntament.

## 1.8

## Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

1.8.1

Il-laqgħa ntemmet fil-3.24pm u ġiet aġġornata. Il-laqgħa li jmiss hija skedata għal L-Erbgħa 18 ta’ Diċembru fil-11.00am.

Konfermati, illum _____ta’ ___________________ 2024

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Philip Vella<br>Sindku | Marie Josette Vella Magro<br>Segretarja eżekuttiva |